31997D0283

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tal-21 ta' April 1997
dwar metodi ta' kejl armonizzati biex jistabilixxu l-konċentrazzjoni komplessiva ta' dijossini u furans f'emissjonijiet atmosferiċi skond l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 94/67/KE fuq il-ħruq ta'skart perikoluż

(97/283/KE)

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 94/67/KE tal-31 ta' Diċembru 1994 fuq il-ħruq ta' skart perikoluż [1], u partikolarment l-Artikolu 7(2) tagħha,

billi, skond l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 94/67/KE, metodi ta' kejl armonizzat biex jistabbilixxi l-konċentrazzjoni komplessiva ta' dijossini u *furans* f'emissjonijiet atmosferiċi għandhom ikunu disponibbli f'livell Komunitarju skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 16;

billi biex tagħmel dan ix-xogħol il-Kummissjoni hija mgħejuna minn kumitat stabbilit bl-Artikolu 16 tad-Direttiva 94/67/KE;

billi l-miżuri maħsuba f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni mogħtija minn dak il-kumitat,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Metodi ta' kejl pr EN 1948 (Ġunju 1996) Sors ta" emissjonijiet statiku: determinazzjoni tal-konċentrazzjoni komplessiva ta' PCDDs/PCDFs, il-parti 1 – kampjunar, il-parti 2 – estrazzjoni u tindif, il-parti 3 – identifikazzjoni u kwantifikazzjoni mfassla mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizazzjoni (CEN) biex jistabilixxi l-konċentrazzjoni komplessiva ta' dijossini u *furans* f'emissjonijiet atmosferiċi għandhom jikkostitwixxu l-metodi ta' kejl armonizzat imsemmi fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 94/67/KE. Ir-riferenza hawn fuq imsemmija pr EN 1948 (Ġunju 1996) għandha ssir EN 1948 wara l-adozzjoni finali mis-CEN.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, il-21 ta'April 1997.

Għall-Kummissjoni

Ritt BJERREGAARD

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 365, tal-31.12.1994, p. 34.